MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1205/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Albert (Spiridione) Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Albert (Spiridione) Muscat**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, bin Joseph u Margaret neé Mizzi, imwieled Msida fl-1 ta' Ottubru 1970 u joqghod 41, Triq Santa Venera, Msida, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 425070(M), akkuzat talli:

1. b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioé talli fiz-zminijiet qabel is-16 ta' Jannar 2002 mill-fond "The Original Sphinx

Pastizzeria" fi Triq Hompesh, Fgura, ikkommetta serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' aktar minn 2329.37 Euros liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta;

2. talli fl-istess zmien u cirkustanzi ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gummi tal-elettriku jew ikkaguna telf tal-kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser xi parti mill-*meter* tal-elettriku jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gummi wzati fil-provvista tal-elettriku jew is-sigilli tieghu;

3. irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi liema llum huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika wkoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 101) datata 14 ta' Jannar 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 261(b), (c), (e) u (f), 263, 264, 267, 269, 270, 278, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 326(c) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-20 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 106), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-14 ta' Jannar 2013, f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u li ma ressaq ebda provi.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 108 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Spiridione Zammit** (*a fol.* 8 *et seq.*) li pprezenta, fost l-ohrajn, kwerela (Dok. "SZ 1" – *a fol.* 11) u rapport (Dok. "SZ 2" – *a fol.* 12 *et seq.*). Jghid li l-kwerela saret da parti tal-Enemalta liema kwerela tirrigwarda ammont ta' elettriku misruq li jammonta ghal cirka Euro 11,611 li jkopri l-perijodu mis-16 ta' Jannar 1997 sas-16 ta' Jannar 2002. Jispjega li ma kienx l-ufficjal investigatur f'dan il-kaz u li l-*inspection* fil-fond in kwistjoni saret fl-2002.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2012, xehed **Alan Chetcuti** (*Professional Executive – Revenue Protection Section* (Enemalta)), li minhabba problemi teknici rega' gie mitlub jixhed b'digriet tat-23 ta' Frar 2012 (*a fol.* 40) kif filfatt ghamel fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 49 *et seq.*) fejn qal li fil-15 ta' Jannar 2002 kienu nstabu minn Mario Cassar zewg *meters* hziena fil-fond "The Original Sphynx Pastizzeria", Triq Hompesh, Fgura. Jispjega li: (a) Dok. "AC 1" (*a fol.* 31) u Dok. "AC 2" (*a fol.* 35) huma stimi tal-*meter three-phase* u tal-*meter single-phase* rispettivament; (b) Dok. "AC 3" (*a fol.* 38) hija ittra mibghuta minnu lill-konsulent legali tal-imputat, u (c) Dok. "AC 4" (*a fol.* 39) hija ittra mibghuta mill-imputat lilu.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-kwerela hija datata 20 ta' Jannar 2010. Mistoqsi jghid x'inhi r-raguni ghala l-kwerela saret tmien snin tard, jghid li minhabba l-*backlog*. Ikkonferma li saret biss stima tal-allegat serq. Tul il-kontro-ezami gie mistoqsi diversi domandi rigward kif saret din l-istima. Jispjega li l-istima nhadmet fis-sena 2009. Mistoqsi jghid jekk jafx jekk kienx inbidel xi apparat f'xi zmien, jghid li ma jistghax ikun jaf. Jghid ukoll li hija *assumption* li jaghmlu l-Enemalta li l-*meter* allegatament gie imbaghbas hames

snin qabel. Gie mistoqsi wkoll diversi domandi rigward l-aggravji ta' serq li jirrizultaw fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2012, xehed **Mario Cassar** (*Senior Tradesman*), li minhabba problemi teknici rega' gie mitlub jixhed b'digriet tat-23 ta' Frar 2012 (*a fol.* 40) kif filfatt ghamel fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 58 *et seq.*) fejn spjega li fil-15 ta' Jannar 2002 ghamel spezzjoni gewwa l-fond in kwistjoni fejn irrizulta li l-*meters* tad-dawl *three-phase* u *two-phase* kienu imbaghbsa. Spjega li Dok. "MC 1" (*a fol.* 24 *et seq.*) huwa rapport redatt minnu u li Dok. "MC 2" sa "MC 4" (*a fol.* 62) huma ritratti li ttiehdu mit-*technical officer* John Vella li mar fuq il-post ukoll. Jghid li s-sid tal-fond rrizulta li huwa l-imputat.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012, xehed **Keith Caruana** (skrivan fit-*Trade Licensing Unit*) (*a fol.* 69) fejn qal li fil-15 ta' Jannar 2002 kien l-imputat li kien licenzjat fuq il-fond in kwistjoni u li fid-29 ta' Mejju 2007 il-licenzja giet trasferita fuq certu Etienne Vella. Ezebixxa kopja tal-licenzja (Dok. "KC 1" – *a fol.* 70 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012, xehed ukoll l-eks **Spettur Jesmond Borg** (*a fol.* 75 *et seq.*) fejn qal li kien infurmat li kien nstab *meter* imbaghbas. Jispjega li dak iz-zmien kienet issir inkjesta magisterjali pero jghid li f'dan il-kaz ma kienitx saret ghax il-Magistrat kien stqarr li ma kellhiex issir inkjesta. Xehed ukoll rigward l-investigazzjonijiet li saru in konnessjoni ma' dak li nstab waqt l-ispezzjoni.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li mill-2002 sal-2004 ma kienx ipproceda u li kien hemm xi affarijiet li ried jistabbilixxi. Jghid: *"Jekk m'iniex sejjer zball f'dak il-kaz partikolari s-sidien kienu nbidlu spiss kif ghidt fil-bidu tax-xiehda tieghi ukoll, jidhirli qabel l-iSphinx kien hemm haddiehor ukoll, ghax dak jidhirli s-sid kien qal li sabu hekk. U dik allura jiena kont inhossni moralment konvint li naghmel aktar investigazzjonijiet, pero s-sidien mhux dejjem kienu jinstabu"* (*a fol.* 78).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Paul Magri** (*handyman* mal-Enemalta) (*a fol.* 80 *et seq.*) fejn qal li kien mar fil-fond in kwistjon flimkien ma' Mario Cassar u xehed rigward dak li sabu fil-*meters* tad-dawl.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2012, rega' xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Spiridione Zammiet** fejn ezebixxa zewg decizjonijiet li gew mmarkati bhala Dok. "SZ 3" (*a fol.* 96 *et seq.*) u Dok. "SZ 4" (*a fol.* 98 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-provi akkwiziti, jirrizulta li l-imputat jinsab akkuzat b'diversi imputazzjonijiet relatati ma' serq ta' elettriku. L-imputat jinsab akkuzat ukoll li huwa recidiv. Mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- ghall-ewwel l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat kienu biss tnejn u wara xi zmien zdiedet imputazzjoni ohra (it-tielet imputazzjoni), li tirrigwarda r-recidiva;

- l-imputazzjonijiet originali (li kif diga nghad kienu tnejn) kontra l-imputat gew ipprezenati fir-Registru tal-Qorti fl-1 ta' Novembru 2011 (*a fol.* 1);

- l-imputazzjonijiet originali gew moqrija bil-gurament mill-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2012 (*a fol.* 5);

- fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2012, id-difiza, filwaqt li ssolevat l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, talbet li din l-eccezzjoni tigi trattata mal-mertu tal-kawza, kif fil-fatt sar;

- fir-rinviju tal-Avukat Generali tas-26 ta' Settembru 2012 (*a fol.* 87), l-Avukat General talab li tizdied l-imputazzjoni li tirrigwarda r-recidiva fil-konfront tal-imputat;

- fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 88) zdiedet l-imputazzjoni tar-recidiva (it-tielet imputrazzjoni) u l-imputat ta ruhu notifikat bl-imputazzjoni kif mizjuda;

- fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2012 l-imputazzjonijiet (it-tlieta li huma) regghu gew moqrija bil-gurament mill-Ufficjal Prosekutur u d-difiza ezentat lill-Qorti milli terga' tisma' x-xhieda li kienu diga gew prodotti u mismugha qabel l-imputazzjonijiet regghu gew moqrija bil-gurament.

Illi, ikun opportun, li l-ewwel il-Qorti titratta l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza u jkun biss li jekk din tigi michuda li l-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward il-mertu.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**:
Minn qari tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u minn harsa lejn l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (*a fol.* 101), jirrizulta li l-Avukat Generali jidhirlu li ghandha tinstab htija tal-imputat taht is-segwenti artikoli Artikoli 261(b), (c), (e) u (f), 263, 264, 267, 269, 270, 278, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-piena li l-Qorti ghandha thares lejha hija dik li jiprospetta Artikolu 278(3): seba' xhur sa erba' snin. F'kaz ta' recidiva (taht it-tielet imputazzjoni), il-piena tista' tizdied bi grad, li jfisser: minn disa' xhur sa hames snin. Artikolu 688(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni – […]

(c) bl-gheluq ta' ghaxar snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin".

Illi dan ifisser li l-preskrizzjoni tal-azzjoni li tirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni hija dik ta' ghaxar snin. L-imputazzjonijiet jaghmlu riferenza ghaz-zminijiet ta' qabel is-16 ta' Jannar 2002. Gialadarba l-imputazzjonijiet regghu nqraw bil-gurament fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2012, cioé aktar minn ghaxar snin wara, ifisser li l-azzjoni

taht l-ewwel (1) imputazzjoni hija preskritta u konsegwentement estinta.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**:

Minn qari tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat jirrizulta li dawn jemergu minn Artikoli 326(1)(c) u 326(1)(f) tal-Kapitolu 9. Minn harsa lejn l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (*a fol.* 101), jirrizulta li l-Avukat Generali jidhirlu li ghandha tinstab htija tal-imputat taht l-Artikoli 326(c) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta li Artikoli 326(c) u (f) ma jezistux fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn qari tal-imputazzjonijiet fic-citazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qorti kontra l-imputat jirrizulta li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tirreferi ghall-ksur ta' Artikoli 326(1)(c) u 326(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imputat kien jaf b'liema fatti kien qed jigi akkuzat u forsi din hija r-raguni ghala d-difiza ma qalet xejn rigward dan il-punt fil-kors tas-smiegh tal-kawza. Kien ikun ferm ahjar kieku l-Avukat Generali ndika l-artikolu ezatt tal-ligi (inkluz is-sub-artikolu – u mhux ihallih barra) u dana sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet bla bzonn pero, tenut kont ta' dak li nghad, il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra n-nuqqas tal-Avukat Generali milli jindika s-sub-artikolu bhala *lapsus calami*.

Illi, minkejja dan, bhall-ewwel (1) imputazzjoni, jirrizulta li l-azzjoni kriminali taht it-tieni (2) imputazzjoni hija wkoll preskritta peress li l-piena ta' prigunerija li jipprospetta Artikolu 326(1) hija dak ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn. Il-fatt li l-azzjoni kriminali hija preskritta jirrizulta minn qari ta' Artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana anke kieku kellha tapplika r-recidiva.

**It-Tielet Imputazzjoni**:

Illi, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, (apparti l-fatt li l-addebitu tar-recidiva ma jirrizultax, *stante* illi s-sentenzi ezebiti (Dok. "SZ 3" – *a fol.* 96 *et seq.* u Dok. "SZ 4" – *a fol.* 98 *et seq.*) jirrigwardaw decizjonijiet moghtija fis-16 ta' Dicembru 2008 u fis-17 ta' Marzu 2010, meta l-imputazzjonijiet jirrigwardaw is-16 ta' Jannar 2002

u z-zminijiet ta’ qabel) il-Qorti ma ghandhiex alternattiva hlief li tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tiddikjara l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat bhala preskritti u konsegwentement estinti, ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b’hekk tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------